**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Ronnie Mackay**
**Omissis[1]**
**Omissis[2]**

**Seduta Distrett Valletta**

**Illum 21 ta' Lulju 2017**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati Ronnie Mackay detentur tal-karta tal-identita numru 228781M, Omissis detentur tal-karta tal-identita numru 351795M u Omissis detentur tal-karta tal-identita numru 89894M billi huma akkuzati talli fil-Belt Valletta u/jew f'dawn il-gżejjer, bejn l-01 ta' Jannar 2016 u is-27 ta' Marzu 2016:

1. assocjaw ruhhom ma' xi persuna jew persuni f'Malta jew barra minn Malta bil-għan li jaghmlu delitt f'Malta imsemmi fl-Att Dwar il-Prevenzjoni ta' Xiri ta' Players (Kapitolu 263) tal-Liġijiet ta' Malta, li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija.

[1] Wara separazzjoni tal-gudizzju ta' nhar l-Erbgha 3 ta' Awissu 2016
[2] Ibid.

2. Lil Omissis **u** Omissis **wehidhom**:

Talli bħala players tal-futbol tat-tim nazzjonali Malti ta' taħt il-wieħed u għoxrin sena (U21) accettaw jew kisbu, jew ftiehmu li jaccettaw jew jiksbu, jew ippruvaw jiksbu, mingħand xi persuna ghalihom innifishom jew għal xi persuna oħra tkun min tkun, xi rigal jew kumpens sabiex jithajjru jagħmlu jew bi tpattija talli jagħmlu jew jonqsu milli jagħmlu, jew talli, wara li beda jseħħ dan l-Att, għamlu jew naqsu milli jaghmlu xi ħaga li l-egħmil jew in-nuqqas tal-egħmil tagħha huwa kontra l-interessi tan-naħa li jilagħbu magħha, jew kontra l-interessi tal-persuna jew każin li qabbadkom jew li għalih jidhru;

3. Lil **Ronnie Mackay wahdu**:

Talli ta, ftiehem li jagħti jew offra jew ippropona lil xi persuna ohra, direttament jew indirettament, li dik il-persuna l-oħra ghandha taghti jew tiftiehem li taghti jew toffri xi rigal jew kumpens lil xi player tal-futbol tat-tim nazzjonali Malti ta' taht il-wiehed u ghoxrin sena (U21) jew lil xi uffiċjal jew organizzatur biex ihajru jaghmel jew bi tpattija talli jaghmel jew jonqos milli jaghmel, jew talli, wara li jkun beda jsehh dan l-Att, ikun ghamel jew naqas milli jagħmel xi haga li, jekk issir jew jonqos milli ssir, tkun bi ksur tas-subartikolu (1) jew (2) ta' l-Artikolu 3 tal-Kapitolu 263 tal-Liġijiet ta' Malta;

4. Lil **Ronnie Mackay wahdu**:

Talli rrenda ruhu bhala kompliċi ma' Seyble Zammit ID.0289994M f'delitt imsemmi fl-Att Dwar il-Prevenzjoni ta' Xiri ta' Players (Kapitolu 263) tal-Liġijiet ta' Malta, li ghalih hemm il-piena ta' priġunerija.

5. Lil **<u>Ronnie Mackay wahdu</u>**:

Talli rrenda ruhu reċidiv ai termini ta' l-artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali, b'diversi sentenzi, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Il-Qorti giet wkoll gentilment mitluba sabiex f'kaz ta'sejbien ta' ħtija tikkundanna lill-akkuzat għall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta; kif ukoll li tapplika l-Artikoli 17 u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-provi.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti.

Semghet is-sottomissjonijiet maghmula mill-prosekuzzjoni, parte civile u d-difiza.

**PRELIMINARI**

**Il-*fatti specie* tal-kaz.**

Il-pulizija rceviet informazzjoni s-Sibt filghaxija, 26 ta' Marzu 2016, minghand Franz Tabone, MFA *Intergrity Officer*, rigward allegatament tixħim fil-partita futbol tat-tim nazzjonali Malti ta' taħt il-wieħed u għoxrin sena (U21) li ntlagħbet l-Erbgħa 23 ta' Marzu 2016 kontra Montenegro; u attentat ta' tixħim fil-partita li kienet għadha trid tintlagħab cioe' dik tat-Tlieta 29 ta' Marzu 2016 kontra r-Repubblika Ceka.

L-għada filgħodu l-pulizija kellmet diversi *players* tat-tim nazzjonali Malti fejn ġie identifikat Seyble Zammit li kien qieghed jittanta

jhajjar lil xi *players* Maltin biex jinxtraw ghal dawn iz-zewġ loghbiet partikolari. Seyble Zammit kien arrestat it-Tnejn 28 ta' Marzu 2016 u tressaq il-Qorti b'arrest l-Erbgħa 30 ta' Marzu 2016. Din il-kawża, Il-**Pulizija vs Seyble Zammit**, giet deciza l-Gimgħa 08 ta' April 2016 mill-Qorti ta' Gudikatura Kriminali preseduta mill-Magistrat Dottor Saviour Demicoli.

Seyble Zammit għażel li jammetti u jixhed bil-ġurament fis-seduta tal-Gimgħa 08 ta' April 2016. B'din il-koperazzjoni ta' Seyble Zammit mal-awtoritajiet, il-Qorti setgħet tapplika l-provedimenti tal-Kap 263 tal-Liġijiet ta' Malta, u cioe' l-artikoli 7 u 9(2), fejn Seyble Zammit instab ħati izda gie ezentat mill-piena.

Permezz tax-xhieda ta' Seyble Zammit u informazzjoni kunfidenzjali oħra li kellha l-Pulizija, ġie stabilit li l-moħħ wara dan l-attentat tixħim kien hemm Ronnie Mackay, li ħa ħsieb il-pjan, u żewġ *players* oħra, Kyle Cesare u Emanuel Briffa, li kienu aċċettaw l-offerta li jinxtraw. Seyble Zammit stqarr li kien qiegħed jaġixxi fuq offerta' ta' flus li saritlu minn Ronnie Mackay. L-offerta kienet biex isib ammont ta' *players* li kienu lesti li jinxtraw għal partita ta' Malta kontra l-Montenegro; l-oġġettiv ta' dan il-pjan ma ntlaħaqx għal fatt li Seyble Zammit ma setgħax isib biżżejjed *players*. L-unika żewġ *players* li aċċettaw l-offerta ta' Seyble Zammit kienu Kyle Cesare u Emanuel Briffa. Dak li aċċettaw dawn iż-żewġ *players* ma' Seyble Żammit ma kienx li jinxtraw direttament iżda li jiltaqaw ma' Ronnie Mackay biex jiġi ffinalizżat il-ftiehm li huma jinxtraw għal madwar tliet elef u hames mitt ewro (€3,500).

**XHIEDA**

F'dan il-kaz il-Qorti zammet sbatax (17) –il seduti fejn xehdu sebgha u ghoxrin (27) xhud, bl-Ispettur Sean Scicluna li mexxa l-istharrig tal-pulizija jixhed darbtejn (2) u l-espert Dr Stephen Farrugia Sacco hames (5) darbiet:

Spettur Sean Scicluna *a fol.* 15 *et. Seq.* , Seyble Zammit *a fol.* 108 *et. Seq*, Marisa Gauci *a fol.* 120 *et. Seq*, Yunus Emre Tamer *a fol.* 123 *et. Seq*, Massimo Farrugia *a fol.* 129 *et. Seq*, Luke Montebello *a fol.* 132 *et. Seq*, Samir Arab *a fol.* 137 *et. Seq* , Emily Abela *a fol.* 151 *et. Seq*, Francis Tabone *a fol.* 154 *et. Seq*, Dr. Stephen Farrugia Sacco *a fol.* 172 *et. Seq*, Bjorn Vassallo *a fol* 208 *et. Seq*, Spettur Sean Scicluna *a fol.* 213 *et. Seq*, Kyle Cesare *a fol.* 217 *et. Seq.*, Emanuel Briffa *a fol.* 231 *et. Seq,* Dr. Stephen Farrugia Sacco *a fol.* 263 *et. Seq,* Seyble Zammit *a fol.* 288 *et. Seq,* Emily Abela *a fol.* 324 *et. Seq,* Marisa Gauci *a fol.* 327 *et. Seq,* Frank Tabone *a fol.* 330 *et. Seq,* Mario Cordina *a fol.* 337 *et. Seq,* Emily Abela *a fol.* 350 *et. Seq,* Ronnie Mackay *a fol.* 355 *et. Seq,* Dr. Stephen Farrugia Sacco *a fol.* 387 *et. Seq,* Kevin O'Neill *a fol.* 390 *et. Seq,* Joseph Chetcuti *a fol.* 394 *et. Seq,* Dr. Stephen Farrugia Sacco *a fol.* 399 *et. Seq* u Dr. Stephen Farrugia Sacco *a fol.* 437 *et. Seq.*

**IT-TIXHIM U L-MANIPULAZZJONI TAR-RIZULTATI FL-ISPORT**

Waħda mill-akbar theddidiet għall-isport fi żmienna hi l-irranġar tal-logħob; u dan qed idgħajjef il-valuri tal-isport bħalma huma l-integrità, il-kompetizzjoni ġusta, u r-rispett lejn l-oħrajn. Dan l-irranġar jista' jtellef l-interess tal-partitarji fl-isport organizzat. Barra minn hekk, l-irranġar tal-logħob jinvolvi xibka ta' kriminalità organizzata mifruxa fuq livell dinji. Issa din il-problema saret

prijorità għall-awtoritajiet pubbliċi, għall-moviment sportiv u għall-aġenziji li jinfurzaw il-liġijiet madwar id-dinja.

*Il-match-fixing* ivarja minn *fix* tradizzjonali fejn *player* jinxtara bil-għan li t-tim avversarju jirbaħ l-promozzjoni jew jevita r-relegazzjoni; korruzzjoni tal-uffiċjali tal-logħba u dak li illum il-ġurnata huwa relatat mal-*betting* bil-għan li tagħmel profitt ta' flus malajr. F'dan l-aħħar xenarju huwa l-eħfef ħaġa li tagħmel hi li tim jitlef il-partita. Inti tista timmanipula logħba biex isiru tant ammont ta' *yellow cards, corners, red cards* jew *fouls* pero l-kriminal irid joqgħod attent li ma jinqabadtx u għaldaqstant ikollu jilgħab ammonti zgħar.  Iżda fil-kriminalita' organizzata, speċjalment jekk l-flus huma bżonnjużi biex jiffinanzjaw reati oħrajn, wieħed irid jimmassimizza l-profitti bl-inqas riskju ta' detezzjoni. Għaldaqstant jintagħżlu *bets* relatati ma l-*iscore* fejn huwa l-iktar mod li jistaw jinlgħabu flus bl-inqas riskju bħal *over and under* u *asian handicap*. Quddiem din il-Qorti ghandna kaz ta' loghba internazzjonali u jkun mistenni li jintlagħbu iżjed flus u flus barra mill-pajjiż.

L-ufficju tal-Gnus Maghquda dwar d-droga u l-kriminalita' (UNODC) zvela li:

> *"There is growing evidence that sport is corrupted by match-fixing and illegal betting. These illegal activities jeopardise the integrity of the competitions, damage the social, educational and cultural values reflected by sports, and threaten the economic role of sports. The phenomenon of match- fixing brings to the surface its links to other criminal activities such as corruption, organised*

*crime and money-laundering. Recent cases reveal the magnitude of the problem and indicate the dire need to address it through appropriate investigative and law enforcement tools. In fact, a criminal justice response against match-fixing would demonstrate that sporting manipulation is not a 'simple' breach of sporting rules, but also an offence against the public in a broader sense.[3]"*

Il-manipulazzjoni tar-rizultati tal-isports huma deskritti bhala:

*"An intentional arrangement, act or omission aimed at an improper alteration of the result or the course of a sports competition in order to remove all or part of the unpredictable nature of the aforementioned sports competition with a view to obtaining an undue advantage for oneself or for others.[4]"*

Il-Kummissjoni Ewropea ssostni li:

*Sports integrity must be protected from fraud in order to avoid doubts concerning the authenticity of results. Without the unpredictability inherent in fair play in sport it becomes unappealing to spectators, broadcasters and sponsors. Furthermore, match-fixing can be considered a form of corruption and as such must be sanctioned by criminal law[5].*

[3] UNODC-IOC Report, July 2013, Criminalization approaches to combat match-fixing and illegal/irregular betting: a global perspective. Comparative Study on the Applicability of Criminal Law Provisions Concerning Match-Fixing and Illegal/Irregular Betting, Lausanne/Vienna, p. 16.
[4] Article 3.4, Council of Europe Convention on the Manipulation of Sports Competitions.
[5] European Commission 2011b

Il-UEFA spjegat dwar it-theddida tal-*match-fixing*:

> *The need to fight against match-fixing is a response to perceptions of it as a public interest issue; match-fixing "jeopardises the integrity of the competitions, damages the social, educational and cultural values reflected by sports, and jeopardises the economic role of sports[6]".*

Fid-decizjoni tal-*Court of Arbitration for Sport* fil-kaz AEK Athens & SK Slavia Prague v/UEFA intqal li:

> *The Panel notes, quite obviously, that honesty and uprightness are fundamental moral qualities that are required in every field of life and of business, and football is no exception. More specifically, however, the Panel is of the opinion that the notion of integrity as applied to football requires something more than mere honesty and uprightness, both from a sporting and business point of view. The Panel considers that integrity, in football, is crucially related to the authenticity of results, and has a critical core which is that, in the public's perception, both single matches and entire championships must be a true test of the best athletic, technical, coaching and management skills of the opposing sides.*
>
> *Due to the high social significance of football in Europe, it is not enough that competing athletes, coaches or managers are in fact honest; the public must perceive that they try their best to win and, in particular, that clubs make management or coaching*

[6] UEFA, November 25, 2011

*decisions based on the single objective of their club winning against any other club.*

*[The] Panel has to remind itself that match-fixing, money laundering, kickbacks, extortion, bribery and the like are a growing concern, indeed a cancer, in many major sports, football included, and must be eradicated. The very essence of sport is that competition is fair; its attraction to spectators is the unpredictability of its outcome*[7].

Il-CAS kompla jenfasizza dwar l-importanza tal-integrita' ta' dawk kollha involuti fil-loghba tal-football fil-kaz tar-referee Ukren **Oleg Oriekhov v/ UEFA:**

*It is therefore essential...for sporting regulators to demonstrate zero-tolerance against all kinds of corruption and to impose sanctions sufficient to serve as an effective deterrent to people who might otherwise be tempted through greed or fear to consider involvement in such criminal activities. Match officials are an obvious target for those who wish to make illicit profit through gambling on match results (or indeed on the occurrence of incidents within matches). They must be reinforced in their resistance to such criminal approaches.*

*In view of the importance of the UEFA Europa League, of the level of this competition, and of the sporting and financial interests at stake, the highest standards of behaviour must be demanded of all the people involved - players, managers, coaches, officials. It is vital that the integrity of the sport is maintained. Given his experience as a senior referee, the Appellant should*

[7] CAS 98/2000 AEK Athens & SK Slavia Prague v/UEFA

*have been particularly sensitive of his obligations and role in preserving and promoting such integrity. By not disclosing these improper approaches, he lamentably failed not only to obey the relevant regulations in their letter and spirit, but indeed to display any common sense.*

*The whole match fixing scandal and in particular the allegation related to the manipulation of the match in Basel caused a great and widely publicized damage to the image of UEFA and of football in general, inevitably raising doubts about whether match results are properly the product of footballers' skills, or improperly the product other illegal activities. In that context, the Appellant's mitigation is inadequate to displace the conclusions of three footballing bodies as to the appropriate penalty for his misconduct*[8]*.*

Il-Qorti taghmel referenza ghall-appell li ghamel Papa Frangisku fejn iddeskrieva l-korruzzjoni fl-isports bhala kankru fis-socjeta':

*"Sport is a human activity of great value, able to enrich people's lives; it is enjoyed by men and women of every nation, ethnic group and religious belonging. During these last few months, we have seen how the Olympic and Paralympic Games have been at the centre of attention of the whole world. The Olympic motto "*altius, citius, fortius*" is an invitation to develop the talents that God has given us. When we see athletes giving their very best, sport fills us with enthusiasm, with a sense of marvel, and it makes us almost feel proud. There is great beauty in the harmony*

[8] CAS 2010/A/2172 Mr Oleg Oriekhov v/ UEFA

*of certain movements and in the power of teamwork. When it is like this, sport transcends the level of pure physicality and takes us into the arena of the spirit and even of mystery. And these moments are accompanied by great joy and satisfaction, which we all can share, even those not competing.*

*Another important characteristic of sport is that it is not just for high performance athletes. There is also sport for pleasure, for amateurs, for recreation, not aimed at competition, but allowing all to improve their health and wellbeing, to learn to be a part of a team, knowing how to win and also how to lose. This is why it is important to participate in sporting activities, and I am happy that at the centre of your reflections these days there is the commitment to ensure that sport is* always more inclusive *and that its benefits are truly accessible to all.*

*[...]*

*I desire to point out also a task and a challenge for you, representatives of sport and of the businesses that sponsor sporting events. The challenge is that of maintaining the honesty of sport, of protecting it from the manipulations and commercial abuse.* ***It would be sad for sport and for humanity if people were unable to trust in the truth of sporting results, or if cynicism and disenchantment were to drown out enthusiasm or joyful and disinterested participation.*** *In sport, as in life, competing for the result is important, but*

*playing well and fairly is even more important!* Enfasi ta' din il-Qorti.

*I thank all of you, then, for your efforts to uproot every form of corruption and manipulation. I know there is a campaign underway led by the United Nations to fight against the cancer of corruption in all areas of society.*[9]"

**KUNSIDERAZZJONIJIET LEGALI GENERALI**

**Livell ta' prova**

Huwa principju baziku prattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li sabiex l-akkuzati jigu misjuba hatja tal-akkuzi migjuba fil-konfront taghhom dawn ghandhom jigu pruvati oltre kull dubju dettat mir-raguni.

F'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza moghtija mill-**Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Dicembru 1997** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Peter Ebejer**, fejn il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-

[9] **Sport at the Service of Humanity** organizzata mill-**Pontifical Council for Culture**, **United Nations** u l-**International Olympic Committee** fil-5 ta' Ottubru 2016 fil-Vatikan.

buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn **Lord Denning** fil-kaz ***Miller v Minister of Pension*** **-** 1974 - ALL Er 372 tal-espressjoni 'proof beyond a reasonable doubt.'

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence. 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

Fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Graham Charles Ducker** (Qorti tal-Appell Kriminali - deciza fid-19 ta' Mejju, 1997) gie ritenut illi:

> *"it is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one."*

Din il-Qorti taghmel ukoll referenza ghas-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Settembru 2002*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Martin Mark Ciappara** fejn spjegat x'jigri meta gudikant ikun rinfaccjat b'verzjonijiet konfliggenti u cioe' jistghu jigru zewg affarijiet u cioe' jew il-gudikant ikun tal-fehma li

l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement ippruvat, u allura l-Qorti ghandha tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li l-verzjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-verzjoni li jaccetta u jekk dik il-verzjoni tkun timporta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghall-piena jew ghal xi provediment iehor.

**Apprezzament tal-provi fl-assjem**

Il-Qorti tissottolinea li huwa ben risaput li l-apprezzament tal-provi ghandu jsir mhux biss b'mod spezzettat u individwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista' jaghti lil dawk il-provi hekk interpretati. Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija semplicement fuq analizi individwali jew separata tal-provi. Dawn ghandhom jigu kkunsidrati kemm individwalment kif ukoll komplessivament. Dan hu appuntu l-ezercizzju li sejra taghmel din il-Qorti, u cioe' li tezamina bir-reqqa kollha l-provi prodotti f'dan il-kaz.

**Provi ċirkostanzjali**

Illi fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Abdellah Berrad et** deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fid-19 ta' Mejju 2014 ingħad is-segwenti:

> *"Huwa minnu wkoll kif rapportat aktar 'il fuq li fl-Artikolu 638(2) tal-Kapitolu 9 ix-xhieda ta' xhud wiehed biss, jekk emnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie*

*ppruvat minn zewg xhieda jew aktar. Ghalhekk jispetta lill-Qorti tara liema hija l-aktar xhieda kredibbli u vero simili fic-cirkostanzi u dan a bazi tal-possibilta'. Huwa veru wkoll li l-Qorti ghandha tqis provi cirkostanzjali jew indizzjarji sabiex tara jekk hemmx irbit bejn l-imputat u l-allegat reat. Dan qed jinghad ghaliex ghalkemm huwa veru li fil-kamp penali l-provi indizzjarji hafna drabi huma aktar importanti mill-provi diretti, pero' hu veru wkoll li provi indizzjarji jridu jigu ezaminati b'aktar attenzjoni sabiex il-Gudikant jaccerta ruhu li huma univoci.*

Fil-fatt il-Qorti hawnhekk taghmel riferenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-hmistax (15) ta' Gunju, 1998 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jason Lee Borg et.**, fejn kien gie ritenut li provi jew indizzji cirkostanzjali ghandhom ikunu univoci, cioé mhux ambigwi. Ghandhom ikunu indizzji evidenti li jorbtu lill-akkuzat mar-reat u hadd iktar, anzi l-akkuzat biss, li hu l-hati u l-provi li jigu mressqa, ikunu kompatibbli mal-prezunzjoni tal-innocenza tieghu. Illi ghalhekk huwa importanti fl-isfond ta' dan il-kaz li jigi ppruvat li kienu l-imputati biss li ghamlu dak li gew akkuzati bih u ghalhekk il-Qorti sejra tikkonsidra kwalunkwe prova possibilment cirkostanzjali li tista' torbot lill-imputati b'mod univoku bir-reati addebitati lilhom. Fil-fatt kif gie ritenut fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sitta (6) ta' Mejju, 1961 fil-kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija vs Carmelo Busuttil**: *"Il-prova indizzjarja ta' spiss hija l-ahjar prova talvolta hija tali li tipprova fatt bi precizjoni matematika".*

Illi huwa veru li fil-kamp penali, il-provi ndizzjarji hafna drabi huma aktar importanti mill-provi diretti. Hu veru wkoll li l-provi ndizzjarji jridu jigu ezaminati b'aktar attenzjoni sabiex wiehed jaccerta ruhu li huma univoci.

Archbold fil-ktieb tieghu **Criminal Practice** (1997 Edition Para 10-3) b'riferenza ghal dak li qal Lord Normand fil-kaz **Teper vs. R** (1952) jghid:

> *"Circumstantial evidence is receivable in Criminal as well as in Civil cases; and indeed, the necessity of admitting such evidence is more obvious in the former than in the latter; for in criminal cases, the possibility of proving the matter charged by the direct and positive testimony of eye witnesses or by conclusive documents much more than in civil cases; and where such testimony is not available. The Jury is permitted to infer the facts proved and other facts necessary to complete the elements of guilt or establish innocence. It must always be narrowly examined, if only because evidence of this kind may be fabricated to cast suspicion on another [...]. It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that there is no other co-existing circumstance which would weaken or destroy the inference".*

Illi din hija eżattament il-pożizzjoni hawn Malta, kif fil-fatt ġiet konfermata b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-disgħa (9) ta' Jannar 1998 fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Emanuel Seisun**.

Il-Qorti tgħid li provi ċirkostanzjali huma bħall-katina li tintrabat minn tarf għal tarf, b'sensiela ta' għoqiedi li jaqblu ma' xulxin u li flimkien iwasslu fl-istess direzzjoni.

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawża Il-**Pulizija vs. Cyrus Engerer** daħlet fil-fond dwar il-prova ċirkostanzjali u l-konklużjoni univoka, fejn ikwotat il-ġurista Ingliż Pollock C.B: *"It has been said that circumstantial evidence is to be considered as a chain, and each piece of evidence as a link in the chain, but that is not so, for then, if any one link broke, the chain would fall. It is more like the case of a rope comprised of several cords. One strand of cord might be insufficient to sustain the weight, but three stranded together may be quite of sufficient strength. Thus it may be in circumstantial evidence – there may be a combination of circumstances, no one of which would raise a reasonable conviction or more than a mere suspicion; but the whole taken together may create a conclusion of guilt with as much certainty as human affairs can require or admit of".*

Il-Qorti ziedet tghid li *"biex wieħed jasal li jikkonkludi li l-provi ċirkostanzjali huma univoċi wieħed irid jara l-assjem ta' dawn iċ-ċirkostanzi miġjuba bħala prova u li dan il-konvinċiment morali huwa wieħed ibbażat sal-grad rikjest tal-prosekuzzjoni taċ-ċertezza morali (u mhux dik assoluta) jew il-prova lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raġuni. In oltre il-konklużjoni biex tkun univoka mhux neċessarjament trid tkun l-uniku xenarju li jista jintlaħaq iżda trid tkun l-unika waħda li tista twassal għal ħtija b'mod raġonevoli kontra dak li jkun. Fi kliem ieħor jekk jinħoloq dubju dwar l-univoċita' tal-provi ċirkostanzjali liema xenarju*

*alternattiv ma jkunx wieħed raġonevoli, dan ma jistax iwassal sabiex il-Qorti tillibera a bażi tan-nuqqas ta' univoċita ."*[10]

**Ikkunsidrat:**

Provi mressqa mill-Prosekuzzjoni kif diga' ntqal aktar 'l fuq fil-preliminari, jistghu jkunu diretti jew indiretti ossia indizzjarji. M'ghandu jkun hemm l-ebda dubju li provi indizzjarji wahedhom ukoll jistghu jkunu sufficjenti biex tinstab htija ghaliex hafna drabi fil-kamp penali il-provi indizzjarji huma aktar importanti mill-provi diretti. Izda hu veru wkoll li l-provi indizzjari jridu jigu ezaminati b'aktar attenzjoni sabiex wiehed jaccerta ruhu li huma univoci[11].

Illi l-Qorti tal-Appell Kriminali, in tema ta' provi indizzjarji rriaffermat diversi drabi l-principju li *circumstantial evidence is often the best. It is evidence of surrounding circumstances which by the undersigned coincidences is capable of proving a proposition with the accuracy of mathematics*[12].

Illi f'dan ir-rigward pero' huwa importanti wkoll dak li precizat l-istess Qorti tal-Appell li qalet *It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure*

[10] Qorti ta' l-Appell Kriminali (Onor. Imhallef Michael Mallia) Il-**Pulizija (James Grech) v. Cyrus Engerer** deċiża 08 ta' Mejju 2014.
[11] **Pulizija vs Emanuel Seisun** Appell Kriminali deciz 09.08.1998.
[12] **R vs Taylor** 21 CRIM App R 21

*that there are no other coexisting circumstances which would weaken or destroy the inference*[13].

Illi aktar minn hekk huwa ben stabbilit ukoll li biex provi indizzjarji iwasslu ghar-reat iridu jkunu univoci, cioe` mhux ambigwi; iridu jkunu indizzji evidenti li jorbtu lill-akkuzat u lil hadd aktar mar-reat[14].

F'kull kaz pero', stante li din hija Qorti ta' Gudikatura Kriminali hija marbuta bit-termini tal-imputazzjoni. Aktar minn hekk quddiemha huwa dmir tal-Prosekuzzjoni li tipprova l-kaz tagħha skont kif proferit fl-imputazzjoni kontestata sal-grad ta' konvinciment morali u sufficjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni. Mill-banda l-oħra jekk id-Difiza tagħzel li tressaq xi provi jew sottomissjonijiet, huwa bizzejjed għad-Difiza li tikkonvinci lill-Qorti bit-tezi tagħha fuq bazi ta' konvinciment morali li jistrieħ fuq bilanc ta' probabilita' u f'kaz li dan iseħħ, u l-Qorti ma tħosshiex moralment konvinta li l-Prosekuzzjoni laħqet il-grad ta' prova rikjesta minnha, allura l-Qorti trid tillibera lill-imputat/jew imputati.

Dawn huwa principji kardinali li jsawru l-procediment penali Malti. Jogħġbuna jew ma jogħġbuniex, dawn huma wħud mir-regoli bazilari li jistrieħ fuqhom il-procediment penali Malti.

---

[13] **Pulizija vs Dawood Sayed Dawood Abd el Kaader** deciza 09/06/1998 b'referenza ghal dak li qal Lord Normand fil-kawza fl-ismijiet '**Teper v The Queen**' [1952]AC 480, 489

[14] **Pulizija vs Jason Lee Borg et.** Appell Kriminali deciz 15.06.1998

Din il-Qorti ma tistax tieqaf hawnhekk. Hija marbuta li tiggudika dan il-kaz skont l-akkuzi li jkunu gew magħmula mill-Prosekuzzjoni kontra l-imputati u ma tistax tbiddel hi bis-setgħa tagħha stess il-parametri tal-kawza intrapriza mill-Prosekuzzjoni.

**Prezunzjoni tal-innocenza**

Ir-rizultat huwa li fi proceduri penali l-onus ta' prova tistrieh fuq il-Prosekuzzjoni matul il-process kollu, bhala regola generali u hija l-eccezzjoni li d-difiza trid tipprova xi haga, bhal perezempju d-difiza tal-insanita'.

Huwa principju fundamentali fi proceduri penali li persuna akkuzata hija prezunta innocenti sakemm ippruvata hatja, u dan ai termini tal-Artikolu 40 Subinciz 5 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, li jiddisponi s-segwenti:

> "*every person who is charged with a criminal offence shall be presumed to be innocent until he is proved or has pleaded guilty...*"

Dan il-principju gie wkoll sanat fis-sentenza moghtija minn Sir Augustus Bartolo fl-ismijiet **'Il-Pulizija v Michele Borg et'** (deciza mil-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-13 ta' Mejju, 1936) fejn intqal:

> "*illi skont il-principju u s-sistema tal-ligi u procedura penali taghna imfassla fuq dak tal-Ingilterra u li huma strettament d'ordine pubblico; 'the accused is presumed innocent until proved guilty.'* "

U issa ghalhekk wiehed jistaqsi xi tfisser verament prezunzjoni tal-innocenza? Din tfisser li l-akkuzat ma jrid jipprova xejn dwar l-innocenza tieghu - hija l-Prosekuzzjoni li trid tipprova l-htija tieghu. Ghalhekk peress li hija l-Prosekuzzjoni li allegat il-htija tal-imputati, l-onus generali tal-prova, u cioe' tal-prova tal-htija, tistrieh fuq il-Prosekuzzjoni, li ghandha ghalhekk tipprova kull element tar-reat partikolari sabiex tasal ghal din l-istess konkluzjoni.

L-obbligu li tipprova l-htija tal-akkuzati jrid ikun assolut, oltre kull dubju dettat mir-raguni u f'kaz li jkun hemm xi dubju ragjonevoli, il-Prosekuzzjoni tigi kunsidrata li ma ppruvatx il-kaz taghha ta' htija, u ghalhekk il-Qorti hija obbligata li tillibera.

Il-Prosekuzzjoni trid tipprova l-kaz taghha *beyond a reasonable doubt*, li tipprova kaz dettat bla dubju dettat mir-raguni, li tfisser li l-grad ta' buon sens jew ghaqal li jwassal gudikant sabiex jaqbel mat-tezi taghha u cioe' tal-Prosekuzzjoni.

Il-Qorti rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif diversament preseduta fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Seyble Zammit**[15] deciza fit-8 ta' April, 2016 fejn fid-decide intqal li l-Qorti: *"u tenut kont il-fatt li l-imputat Seyble Zammit fid-diposizzjoni tieghu moghtija llum xehed dwar l-akkuzi migjuba kontra tieghu u wkoll ghamel dikjarazzjoni sewwa dwar dak li gara skond l-ahjar gharfien tieghu".*

[15] Magistrat Saviour Demicoli

Il-provi f'dan il-kaz gew debitament registrati u traskritti u għalhekk din il-Qorti mhix sejra toqgħod tirriproduċi dak kollu li ngabar fl-atti.

**L-istqarrija ta' ko-okkuzati**

Id-difiza tal-imputat sostniet li l-istqarrijiet u x-xiehda tal-ko-imputati ma humiex ammissibbli bħala prova f'din il-kawża: forsi *'ex abundantia cautela'* għaliex dak li jipprovdi l-artikolu 658 huwa pjuttost ċar fir-regoli li jistabbilixxi dwar meta u fejn stqarrija ta' ko-akkużat hija ammissibbli bħala prova favur jew kontra ko-akkużat ieħor, u f'liema kontest ko-akkużat jista' jixhed fil-konfront ta' ko-akkużat ieħor.

Dak enunċjat fl-Artikolu 636(a) u (b) tal-Kodiċi Kriminali, u anke minn ġurisprudenza tal-Qrati tagħna juru fejn ix-xhieda tal-ko-akkużat ma tikkostitwixxi ebda prova, la kontra u lanqas favur l-akkużat jew l-akkużati l-oħra, u b'hekk mhux ammissibbli bħala tali. Din ir-regola hija desunta *a contrario sensu* minn dak li jipprovdi l-paragrafu (b) tal-artikolu 636, fis-sens li l-ko-akkużat isir xhud kompetenti fir-rigward ta' ko-akkużat, biss wara illi l-każ fil-konfront tiegħu ikun ġie definittavament deċiż. Fil-kaz odjern, il-kaz kontra ż-żewġ ko-akkuzati l-ohra mill-istadju ta' Qorti ta' Gudikatura Kriminali intemm wara li sar separazzjoni tal-gudizzju ta' nhar l-Erbgha 3 ta' Awissu 2016[16]. Id-difiza ssostni li hawn tapplika r-regola indikata, u b'hekk ix-xhieda tal-ko-imputati mhix ammissibbi fil-konfront ta' xulxin.

[16] Il-Qorti hija infurmata li s-sentenza kienet appellate mill-Avukat Generali.

Il-Qrati tagħna kellhom l-opportunità li jippronunzjaw ruħhom fuq dan il-prinċipju f'diversi każijiet fosthom **Sua Maesta r-Re vs Carmeo Cutajar ed altri**,. Qorti Kriminali 18 ta' Jannar, 1927; **Il-Pulizija vs Toni Pisani** Appell Kriminali 11 ta' Novembru, 1944; **Il-Maesta tiegħu r-Re vs Karmenu Vella**, Qorti Kriminali 3 ta' Dicembru, 1947; **The Police vs Alfred W. Luck et**, Appell Kriminali 25 ta' April, 1949; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Faustino Barbara**, Appell Kriminali 19 ta' Jannar, 1996; **Il-Pulizija vs Nasher Eshtewi Be Hag et**, Appell Kriminali 2 ta' Frar, 1996; **Il-Pulizija vs Carmelo Camilleri u Theresa Agius**, Appell Kriminali 11 ta' Lulju, 1997, u **r-Repubblika ta' malta vs Domenic Zammit et** Appell Kriminali 31 ta' Lulju, 1998, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ian Farrugia**, Qorti Kriminali Digriet Datat 22 ta' Dicembru, 1998.

Il-Qorti taghmel referenza għad-digriet datat 4 ta' Frar, 2004, fl-ismijiet ir-**Repubblika ta' Malta vs Brian Vella**[17].

Permezz ta' dan id-digriet, il-Qorti Kriminali ordnat illi l-ġuri ta' Brian Vella jiġi xolt, u dan a bażi tal-fatt illi x-xhud Domenic Bonnici, illi kien akkużat bl-istess reati bħall-akkużat, kien għadu ma għaddiex proċeduri, u għalhekk mhux xhud ammissibbli, kontra jew favur l-akkużat ai termini tal-Kodiċi Kriminali:

> *"persuna li tkun akkuzata, kemm bhala komplici kif ukoll bhala ko-awtur, bl-istess reat migjub kontra l-akkuzat l-iehor ma tistax tingieb bhala xhud favur jew kontra l-iehor sakemm il-kaz taghha ma jkunx gie definittivament deciz u li dan il-principju japplika sija jekk dik il-persuna tkun giet akkuzata fl-istess kawza tal-*

[17] 4/2004

*akkuzat l-iehor b'mod li jkun hemm ko-akkuzati fil-veru sens tal-kelma u sia jekk tkun akkuzata fi proceduri separati'.*

Il-Qorti taghmel referenza ghad-decizjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali Il-**Pulizija vs Carmelo Camilleri u Theresa Agius** tal-Imħallef Vincent DeGaetano tal-11 ta' Lulju, 1997:

*"Hu prinċipju elementari tad-dritt ta' proċedura penali tagħna li dak li jistqarr ko-akkużat, sia jekk bil-fomm biss u sia jekk bil-miktub, ma jagħmilx prova la favur u anqas kontra ko-akkużat ieħor. Dan il-prinċipju jitnissel kemm mill-Artikolu 661 tal-Kodiċi Kriminali kif ukoll mill-Artikolu 636 (b) tal-imsemmi Kodiċi. Infatti l-ġurisprudenza tagħna rrikonoxxiet ukoll l-inammissibilità tax-xhieda tal-ko-akkużat kemm-il darba l-każ tiegħu ma jkunx ġie definittivament konkluż".*

Il-Qorti tfakkar f'Artikolu 661 tal-Kodici Kriminali fejn hemm imnizzel li *"Konfessjoni ma taghmilx prova hlief kontra min jaghmilha u mhix ta' pregudizzju ghal ebda persuna ohra."*

**Ammissibilta' ta' dikjarazzjoni fil-konfront ta' ko-akkuzat**

Il-legislatur fil-Kapitoli 101 tal-Ligijiet ta' Malta fil-kawzi dwar id-drogi holoq ghodda gdida f'idejn l-investigatur sabiex ikun jista' jikseb prova li altrimenti hija inammissibbli fil-konfront tal-ko-akkuzat. Illi l-artikolu 31 tal-Kapitolu 101 jipprovdi espressament illi:

*"Minkejja d-dispozizzjonijiet tal-artikolu 661 tal-Kodiċi Kriminali, meta persuna tkun involuta f'xi reat kontra din l-Ordinanza, kull dikjarazzjoni magħmula minn dik il-persuna u li tiġi kkonfermata bil-ġurament quddiem Maġistrat u kull xhieda li dik il-persuna tagħti quddiem Qorti tista' tinġieb bi prova kontra kull persuna oħra akkużata b'reat kontra l-imsemmija Ordinanza, kemm-il darba jinsab li dik id-dikjarazzjoni jew xhieda tkun saret jew ingħatat volontarjament, u ma ġietx imġiegħla jew meħuda b'theddid jew b'biża', jew b'wegħdiet jew bi twebbil ta' vantaġġi."*

Premess dan allura "… bhala regola, min ikun ghamel tali stqarrija guramentata ghandu jingieb il-Qorti ghall-fini ta' kontroll daparti tal-akkuzat jew imputat. F'dan is-sens ukoll esprimiet ruhha l-Qorti Ewropea fil-kawza **Kostovski v. Netherlands** (20 ta' Novembru, 1989) meta qalet li d-dritt ta' akkuzat li jikkonfronta xhud migjub kontra tieghu: *does not mean, however, that in order to be used as evidence statements of witnesses should always be made at a public hearing in court: to use as evidence such statements obtained at the pre-trial stage is not in itself inconsistent with paragraphs (3)(d) and (1) of Article 6, provided the rights of the defence have been respected. As a rule, these rights require that an accused should be given an adequate and proper opportunity to challenge and question a witness against him, either at the time the witness was making his statement or at some later stage in the proceedings*[18]"

[18] Il-**Pulizija vs Pierre Gravina** – deciza 26/05/2003

Illi allura din id-dispozizzjoni tal-ligi holqot eccezzjoni biss ghar-regola stabbilita fl-artikolu 661 tal-Kodici Kriminali li jiddisponi illi l-konfessjoni ta' persuna ghandha tiswa ghalih biss u ma tistax tintuza la favur u lanqas kontra l-ko-akkuzat. Il-ligi ma tohloq l-ebda eccezzjoni ohra u allura ghas-salvagwardji li jipprovdi l-Artikolu 639(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe: ***"Meta l-unika xhud kontra l-akkuzat dwar xi reat fi process li jinstema' quddiem il-gurati tkun persuna komplici, il-Qorti ghandha taghti direttivi lill-gurati biex jiznu x-xhieda li dak ix-xhud jaghti b'kawtela qabel ma jserrhu fuqha u jaslu biex isibu hati lill-akkuzat."***

Il-Qorti Kriminali meta kienet qieghda tiddeciedi l-eccezzjonijiet ghall-Att tal-Akkuza **Ir-Repubblika ta' Malta vs Charles Paul Muscat**[19] fis-6 ta' Lulju, 2016 qalet:

> [Issa allura dan ifisser illi ai termini tal-artikolu 30A tal-Kapitolu 101 Marlon Apap u Brian Godfrey Bartolo ghandhom jitqiesu illi huma '*a competent witness*' fil-konfront tal-akkuzat ghalkemm fiz-zmien meta huma offrew id-depozizzjoni taghhom kienu ghadhom jitqiesu bhala ko-akkuzati billi l-proceduri kriminali fil-konfront taghhom dwar l-istess fatti addebitati lill-akkuzat odjern kienu ghadhom ma gewx konkluzi. Li hu cert huwa illi sakemm il-kaz taghhom jigi deciz dawn iz-zewg xhieda ma humiex '*a compellable witness*' u cioe' ma jistghux jigu

[19] Att. Ta'Akkuza Nru. 17/2015 decizjoni tal-Imhallef Edwina Grima

imgieghla jaghtu id-depozizzjoni taghhom billi ghandhom id-dritt sancit mill-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem illi ma jwiegbu ghall-ebda mistoqsija li tista' b'xi mod tinkriminahom. Fil-fatt meta huma offrew id-depozizzjoni taghhom matul il-kumpilazzjoni ghazlu li juzufruwixxu minn dan il-jedd u ma xehdux. Issa id-difiza targumenta illi gialadarba l-akkuzat ma nghatax il-jedd li jikkontrolla dak mistqarr minn dawn it-tnejn min-nies fl-istqarrija guramentata taghhom li tinsab esebita in atti, din il-prova f'dan l-istadju hija inammissibbli u ghandha tigi skartata u dan fid-dawl ta' dak deciz superjorment fid-decizjoni ta' 'Gravina' *supra* citata. Dan ghaliex l-artikolu 30A ma huwiex eccezzjoni ghal dak dispost fl-artikolu 646 tal-Kodici Kriminali fejn hemm espressament stipulat illi **"ix-xhieda għandhom dejjem jiġu eżaminati fil-Qorti u viva voce."**

Illi l-akkuzat kien ikollu ragun fl-argument minnu imressqa li kieku dawn iz-zewg xhieda ghazlu li ma jixhdux matul is-smigh tal-guri. Illi allura il-Qorti u cioe' l-Imhallef togat ikun irid necessarjament jaghti direzzjoni lill-imhallfin tal-fatti u cioe; lill-gurati meta jigu biex jiznu din il-prova mressqa mill-Prosekuzzjoni. Izda dan jista' isir biss fl-istadju meta allura ikun qed jinstema' il-process penali fil-konfront tal-akkuzat. Illi ghalhekk ghalkemm gustament l-akkuzat talab id-direzzjoni tal-Qorti f'din l-ewwel eccezzjoni sollevata minnu ghar-rigward tal-

validita' probatorja tal-istqarrijiet guramentati li jinsabu fl-atti bhala prova li giet kumpilata fl-istadju li jipprecedi l-guri mill-Qorti Istruttorja, madanakollu huwa prematur ghall-Qorti li tiddikjara tali prova bhala wahda inammissibbli meta z-zewg xhieda Marlon Apap u Brian Godfrey Bartolo it-tnejn indikati bhala xhieda tal-Prosekuzzjoni ghad iridu joffru id-depozizzjoni taghhom fil-guri. Izda jekk f'dak l-istadju huma jiddikjaraw li ser jaghzlu li ma jixhdux biex ma jinkrimnawx irwiehom fil-process penali li jkun ghadu pendenti fil-konfront taghhom, imbaghad f'dak l-istadju il-gurati ghandhom jigu ggwidati meta jigu biex jiznu il-valur probatorju tal-istqarrijiet guramentati u dan ghaliex "**The right to a fair administration of justice holds so prominent a place in a democratic society that it cannot be sacrificed to expediency.**"

Dan ghaliex kif gie deciz fil-kaz *Luca v Italy* [(2003) 36 EHRR 46] , inghad mill-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem:-

> **"As the court has stated on a number of occasions . . . it may prove necessary in certain circumstances to refer to depositions made during the investigative stage (in particular where the witness refuses to repeat his deposition in public owing to fears for his**

**safety, a not infrequent occurrence in trials concerning Mafia-type organisations). If the defendant has been given an adequate and proper opportunity to challenge the depositions, either when made or at a later stage, their admission in evidence will not in itself contravene Article 6.1 and 3(d). The corollary of that, however, is that where the conviction is both solely or to a decisive degree based on depositions that had been made by a person whom the accused has had no opportunity to examine or to have examined, whether during the investigation or at the trial, the rights of the defence are restricted to an extent that is incompatible with the guarantees provided by Article 6."**

Dan ifisser allura illi hemm erba' kriterji li jridu jigu ikkunsidrati:

1. Illi x-xhieda bhala regola trid tinghata *viva voce* fil-Qorti fejn l-akkuzat ikollu kull opportunita' li jikkontrolla dak li jghid ix-xhud.
2. Il-fatt illi x-xhieda ma jixhdux madanakollu ma ghandux iwassal ghall-inammissibilita tal-istqarrija minnhom rilaxxata fl-istadju tal-investigazzjonijiet jew fil-*pre-trial stage* u dan ghaliex irid jittiehed in konsiderazzjoni l-fatturi

kollha tal-kaz, bhal perezempju fil-kaz meta xhud ma jistax jingieb jixhed ghax ikun miet.

3. L-affidabbilita ta' dik l-istqarrija u tax-xhud li jkun irrilaxxjaha.

4. Finalment jekk dik ix-xhieda guramentata wahedha hijiex l-unika prova inkriminati u deciziva fil-konfront tal-persuna akkuzata.

Illi fil-kawza *Saidi v France* (1993 - 17 EHRR 251) inghad :-

> "*The court reiterates that the taking of evidence is governed primarily by the rules of domestic law, and that it is in principle for the national courts to assess the evidence before them. The court's task under the Convention is to ascertain whether the proceedings in their entirety, including the way in which evidence was taken, were fair. All the evidence must normally be produced in the presence of the accused at a public hearing, with a view to adversarial argument. However,* ***the use as evidence of statements obtained at the stage of the police enquiry and judicial investigation is not in itself inconsistent with Article 6(3)(d) and (1) provided that the right to the defence had been respected..***" (sottolinjar tal-Qorti)

Dan ifisser allura illi tali prova ma tista' qatt titqies li hija inammissibbli semplicement ghaliex ix-xhieda li jkunu offrew dik l-istqarrija fl-istadju tal-investigazzjonijiet ma jkunux xehdu quddiem il-Qorti *viva voce* ghaliex din wahedha ma tistax twassal ghall- inammissibilita ta' prova li l-ligi tqis bhala wahda legalment valida. Madanakollu min hu msejjah biex jiggudika irid jimxi b'kawtela kbira sabiex jigi zgurat illi d-dritt sagrosant sancit mill-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni ghal smigh xieraq f'kull process penali ma jigix mittiefes.

Ghaldaqstant, ghalkemm din l-ewwel eccezzjoni qieghda f'dan l-istadju tigi michuda, madanakollu l-Qorti qed tirriserva li tipprovdi dwar l-istess billi taghti d-direzzjoni opportuna lill-gurati fl-istadju tal-guri in konnessjoni mal-ammissibilita o meno tal-prova konsistenti fix-xhieda guramentata ta' Marlon Apap u Brian Godfrey Bartolo li jinsabu esebiti in atti, fl-eventwalita' illi l-imsemmija zewg xhieda ma joffrux id-depozizzjoni taghhom *viva voce*.]

**Komplici**

F'dan l-istadju l-Qorti taghmel referenza ghall-**Artikolu 639(3)** tal-Kapitolu 9 u cioe':-

> "*meta x-xhud wahdani kontra l-akkuzat ikun il-komplici u x-xhieda tieghu ma tkunx bizzejjed korroborata b'cirkostanzi ohra, ix-xhieda ta' dan ix-xhud wahdu ma tkunx bizzejjed biex l-akkuzat jigi misjub hati.*"

Illi fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet **Il-Maesta Taghha r-Regina vs John Bondin** datata tnejn u ghoxrin ta' Marzu, 1921, gie ritenut li din ir-regola statutorja (li fil-ligi Ingliza hi biss regola ta' prudenza):

> "*twieldet minhabba l-perikolu li persuna tigi dikjarata hatja fuq ix-xhieda mhux konfermata ta' bniedem li 'ex admissis' hu kriminali.*

Dak li hu mehtieg hu xi prova addizzjonali li tirrendi probabbli li l-istorja tal-komplici jew ko-partecipi hi vera li hu ragonevolment *safe* li wiehed joqghod fuqha.

Illi l-kaz klassiku li fih giet formulata l-ligi Ingliza f'din il-materja kien **Rex v Baskerville**[20] li rriteniet li:

> "*Evidence in corroboration must be independent testimony which affects the accused by connecting or tending to connect him with the crime. In other words, it must be evidence which implicates him, that is, which confirms in some material particular not only*

[20] *Baskerville* [1916] 2 K.B. 658. Lord Reid at 667

*the evidence that the crime has been committed, but also that the prisoner committed it. The test applicable to determine the nature and extent of the corroboration is thus the same whether the case falls within the rule of practice at common law or within that class of offences for which corroboration is required by statute."*

Illi ghalhekk kif gie ritenut fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs George sive Gino Bezzina** nhar it-tletin ta' Marzu, 1993, il-korroborazzjoni hi biss:

"*evidence which shows or tends to show that the story of the accomplice that the accused committed the crime is true, not merely that the crime has been committed, but that it was committed by the accused.*"

u ma hemmx bzonn tkun tikkonsisti fi prova diretta li l-akkuzat ikkommetta r-reat; hu sufficjenti li l-prova korroboranti tkun anke merament cikostanzjali tal-konnessjoni tieghu mar-reat.

Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza wkoll ghal sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-tmintax ta' Novembru, 1944 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Maesta Taghha r-Regina v George Bezzina et** li tghid:

"*meta l-uniku xhud kontra l-akkuzat huwa komplici fir-reat u x-xhieda tieghu ma tkunx sufficjentement korroborata minn cirkostanzi ohra, dik ix-xhieda tieghu ma hiex bizzejjed biex twassal ghal konvinzjoni ta' l-akkuzat. Imma l-korroborazzjoni mehtiega ma hiex fil-konferma b'xhieda ndipendenti ta' kull ma*

*jghid il-komplici, huwa bizzejjed li jkun hemm xhieda indipendenti li tolqot lill-akkuzat u testendi li tikkonnettieh mad-delitt, jigifieri xhieda, diretta jew indizzjarja, li timplika lill-akkuzat u tikkonferma lil komplici f'xi partikolarita' mportanti li l-akkuzat ikkommetta d-delitt.*"

Il-Qorti taghmel referenza ghal sentenza ohra moghtija fit-tnejn ta' Dicembru, 1998, mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulziija v John Said et** fejn gie ritenut li l-ligi trid li sabiex xhieda ta' komplici jkollha valur probatorju, din, pero' neccessita' trid tkun korroborata sufficjentement minn provi ndipendenti f'cirkostanzi materjali li jwasslu mhux ghal veracita' tal-verzjoni ta' dik ix-xhieda fl-aspetti sostanzjali taghha izda li permezz ta' din il-korroborazzjoni tigi stabbilita *nexus criminis* bejn din il-verzjoni u l-akkuzat. Trid tkun korroborazzjoni li twassal bla dubju dettat mir-raguni, ghall-konvinciment morali li l-attivita kriminuza allegata minn Sybele Zammit fix-xhieda tieghu verament giet imwettqa mill-akkuzat. Fin-nuqqas li l-Prosekuzzjoni tasal sa dan il-grad, allura l-kaz kontra l-imputat ma jreggix.

Il-Qorti rat ukoll in-noti tal-**Professur Mamo** dwar is-suggett ta' korroborazzjoni ta' kompartecipi u fil-fatt jghid is-segwenti:

"*the corroboration required is not corroboration of every thing the accomplice relates or of every material participation (vide* ***Rex v Bezzina*** **-** *Qorti Kriminali deciza 18 ta' Novembru, 1944***)** *what is required is a corroboration by other circumstances considered sufficient by the jury (vide* ***Rex v Cuschieri*** *deciza 30 ta' Marzu, 1915***)** *confirming not merely a material particular of the*

*witness's story, but some particular which convicts the person himself with it (vide* ***Police v Sammut*** *deciz 29 ta' April, 1946 mill-Qorti tal-Appell Kriminali)****.***

Illi ghalhekk din il-Qorti zzid billi tghid li provi addizzjonali ma jridux ikunu necessarjament provi diretti, izda huwa bizzejjed jekk huma cirkostanzjali, bhal per ezempju x-xhieda ta' terza persuna, jew xi evidenza dokumentarja, jew ta' xi prova ta' xi cirkostanzi antecedenti, m'humiex necessarji li x-xhieda korroborattiva tikkonsisti f'repulzjoni ta' xhieda u fatti bl-ezatt. Ghandu jinzamm test oggettiv fis-sens li *does the corroborative evidence provide independent evidence implicating the accused with the crime charged?* Fil-fatt il-**Professur Mamo** jghid:

"*if the corroborative evidence is equally consistent with the innocence of guilt of the accused and therefore an inference cannot be safely drawn from it one way or the other, as if it fell short of corroboration in a material particular, it cannot be accepted as corroborative. In* ***Thomas v Jones*** *(1921 - I.K.B. 22) it was held that a number of facts none of which by itself amounts to corroborative cannot if regarded collectively become corroboration.*"

**Ikkunsidrat:**

Illi fis-sentenza fl-ismijiet Il-**Pulizija vs. Jonathan Micallef** moghtija fit-2 ta' Frar 2012, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

> *"Huwa minnu illi jista' jkollok sitwazzjoni fejn numru ta' xhieda qeghdin jaghtu verzjoni differenti minn ohrajn illi xehdu qabel. B'daqshekk ma jfissirx illi ghax hemm xhieda differenti bil-fors hemm konflitt li ghandha twassal ghal liberatorja. Fil-kawza **Pulizija vs. Joseph Thorn** deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fid-9 ta' Lulju 2003, il-Qorti qalet '... mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti f'kaz ta' konflitt ta' provi, trid tevalwa il-provi skond il-kriterji annuncjati fl-Artikolu 637 tal-Kap. 9 u tasal ghal konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex trid temmen jew ma temminx'* (ara wkoll **Repubblika ta' Malta vs. Dennis Pandolfino** 19 t' Ottubru 2006)."

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti tinnota li fis-sentenza fl-ismijiet Il-**Pulizija vs. John Pace** deciza fil-31 ta' Ottubru 2013, il-Qorti tal-Appell Kriminali rriteniet is-segwenti:

> *"Ma hemm xejn hazin illi l-Qorti tistrih fuq xhud wiehed biss kif del resto hija ntitolata li taghmel permezz ta' l-Artikolu 638(2) tal-Kapitolu 9. Dan l-Artikolu jghid illi xhud wiehed jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt hija*

*bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ppruvat minn zewg xhieda jew aktar. Naturalment din ix-xhieda tkun trid tigi evalwata fil-kuntest tal-linji gwida moghtija mill-Artikolu 637 tal-Kapitolu 9".*

Illi ghalhekk m'hemmx dubju li kollox jiddependi fuq il-kredibilita` tax-xhieda u dan billi bhala gudikant il-Qorti sejra tqis l-imgieba, l-kondotta u l-karattru tax-xhieda, tal-fatt jekk ix-xhieda ghandhiex mis- sewwa jew hix kostanti, u ta' fatturi ohra tax-xhieda tieghu u jekk ix- xhieda hix imsahha minn xhieda ohra u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u dan ai termini tal-Artikolu 637 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta'Malta.

Din il-Qorti hija f'posizzjoni vantaggjuza meta tigi biex taghmel apprezzament tax-xhieda, u dan ghaliex hija ghexet il-process tul il-medda taz-zmien u ghalhekk hija f'posizzjoni li tezamina l-imgieba u l-komportament tax-xhieda kollha li xehdu, u tista' tikkonstata icto oculi x'interess seta' kellu xi xhud dakinhar li xehed u jekk dak li qal kellux mis-sewwa jew le.

**KUNSIDERAZZJONIJIET LEGALI DWAR IR-REAT TAL-ASSOCJAZZJONI**

Illi l-ewwel imputazzjoni in ezami hija dik dwar assocjazzjoni, cioe' r-reat kontemplat fl-artikolu 48A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijet ta' Malta. Ai termini ta' din id-dispozizzjoni jissussisti r-reat in ezami jekk xi persuni jassocjaw ruhhom bl-ghan li jaghmlu delitt li ghalih hemm

il-piena ta' prigunerija. Ghalhekk il-persuni koncernati jridu jkunu qed jippjanaw li jaghmlu delitt (mhux kontravvenzjoni) li huwa punibbli bi prigunerija.

Dan huwa r-reat tal-assocjazzjoni taht l-Artikolu 48A tal-Kodiċi Kriminali cioe' : -

> ***48A.** (1) Kull min f'Malta jassocja ruħu ma' xi persuna jew persuni f'Malta jew barra minn Malta bil-għan li jagħmel delitt f'Malta li għalih hemm il-piena ta' prigunerija, u li ma jkunx delitt taħt l-Att dwar l-Istampa, ikun ħati tar-reat ta' assocjazzjoni biex jagħmel dak ir-reat.*

Fil-Ligi Maltija, ir-reat t'assocjazzjoni per se huwa reat. Iżda skont gurisprudenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali, biex dan ir-reat jitwettaq irid jigi muri li l-assocjazzjoni tkun saret bil-ghan li jaghmel delitt f'Malta li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija. Issa skont is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet "Il-**Pulizija vs Fabio Zulian**[21]":

> *Jigi fl-ewwel lok osservat illi sabiex jigi applikat l-imsemmi artikolu 48A, irid jigi determinat liema hu r-reat li tieghu l-prosekuzzjoni tkun qed tallega li tiegħu l-assocjati jkunu ppjanaw jew ftehmu biex iwettqu. Għalhekk ir-reat ta' assocjazzjoni jrid jigi abbinat ma' tali reat.*

Sabiex jigi applikat l-imsemmi Artikolu 48A, irid jigi determinat liema hu r-reat li tiegħu l-Prosekuzzjoni tkun qed tallega li tiegħu l-assocjati jkunu ppjanaw jew ftehmu biex iwettqu. Għalhekk ir-reat

[21] Deċiża 12 ta' Mejju 2015 per Imħallef David Scicluna.

ta' assocjazzjoni jrid jigi abbinat ma' tali reat. Issa fil-kaz in desamina jidher li l-Prosekuzzjoni qed tallega li l-imputat assocja ruhu ma' Seyble Zammit sabiex jikkommettu r-reat kif previst fl-Artikolu 3(1) tal-Kap. 263 tal-Ligijiet ta' Malta maghruf bhala '*eghmil ta' korruzzjoni dwar players ….*'

It-tliet elementi tal-assocjazzjoni huma:

a) Ftehim bejn tnejn jew aktar min-nies; b) L-intenzjoni li jsir ir-reat; c) U pjan ta' azzjoni miftiehem.

Mhux relevanti jekk dak il-ftehim tpoggiex fil-prattika.

L-intenzjoni wehidha mhix bizzejjed. Jinhtieg li l-persuni li ser jiehdu parti fl-assocjazzjoni jkunu ftehmu dwar il-mezzi, ikunu xi jkunu, biex jagixxu, u m'hemmx bzonn li huma jew xi persuni ohra ghamlu xi atti ohra sabiex jitwettaq il-pjan ta' azzjoni miftiehem. Dan qed jinghad ghaliex jekk barra mill-ftehim dwar il-kommissjoni tar-reat u dwar il-pjan ta' azzjoni jkun hemm il-bidu tal-esekuzzjoni tal-azzjoni miftehma, jew jekk ir-reat ikun sehh, il-persuni involuti jkunu jistghu jkunu akkuzati kemm bl-assocjazzjoni kif ukoll bit-tentattiv jew bir-reat komplut. Ghall-finijiet tat-tentattiv jew tar-reat ikkonsmat, dawk li jiehdu parti fl-assocjazzjoni jsiru komplici jew *co-principals*.

M'hemmx dubju li effettivament l-imputat iltaqa' ma' Seyble Zammit, ftehmu dwar il-possibilta' li jbieghu l-loghba Malta kontra l-Montenegro fejn Seyble Zammit kellu javvicina l-players u jinghataw is-somma ta' tliet elef ewro (€3,000).

Fl-opinjoni tal-Qorti l-akkuza kif kontemplata fl-Artikoli 48A tirrizulta ghaliex jirrizultaw l-elementi kollha tal-assocjazzjoni.

## KUNSIDERAZZJONIJIET LEGALI DWAR IR-REAT TA' EGHMIL TA' KORRUZZJONI DWAR *PLAYERS*

Illi pajjizna ma qaghadx jistenna dak li gara f'pajjizi ohra fejn jidhol ix-xiri ta' *players* biex jillegisla u jilqa' ghal din il-marda serja fl-Isports. Fit-8 ta' Gunju, 1976 dahal fis-sehh l-**Att dwar il-Prevenzjoni ta' Xiri ta' *Players***. Kap 263[22] jipprovdi ghall-prevenzjoni ta' xiri u dan minn operaturi varji: players, ufficjal li tinkludi kull *referee*, *linesman*, *umpire*, *steward*, jew xi persuna oħra li tidderiġi, tmexxi jew tissorvelja xi logħba jew *sport* u anke lill-organizzaturi li tinkludi kull *manager* ta' każin, membru tal-kumitat ta' każin, *trainer* jew xi persuna oħra li torganizza jew ikollha x'taqsam fl-amministrazzjoni u/jew organizzazzjoni ta' xi logħba jew *sport.*

Illi l-artikolu 3 (3) tal-Kap. 263 jghid:

> *Kull persuna li tagħti, jew tiftiehem li tagħti jew toffri jew tipproponi lil xi persuna oħra, direttament jew indirettament, li dik il-persuna l-oħra għandha tagħti jew tiftiehem li tagħti jew toffri xi rigal jew kumpens lil xi player jew lil xi uffiċjal jew organizzatur biex tħajru jagħmel jew bi tpattija talli jagħmel jew jonqos milli jagħmel, jew*

[22] kif emendat bl-***Att XXIV tal-2001****;* u bl-***Avviż Legali 423 tal-2007***.

*talli, wara li jkun beda jseħħ dan l-Att, ikun għamel jew naqas milli jagħmel xi ħaġa li, jekk issir jew tonqos milli ssir, tkun bi ksur tas-subartikolu (1) jew (2), tkun ħatja ta' reat.*

L-artikolu 7 tal-Kap. 263 jghid:

> *" meta zewg persuni jew aktar jiehdu sehem fl-eghmil ta' xi reat kontra xi wahda mid-dispozizzjonijiet ta' dan il-att, il-wiehed fosthom li, qabel ma jibdew xi procedimenti kriminali, jaghti l-ewwel taghrif dwar dak ir-reat u jirraporta lill-iehor jew lill-ohrajn li jkunu ghamlu ir-reat lill-awtoritajiet kompetenti, ikun ezentat mill-piena."*

**Ikkunsidrat :**

Ir-reat kontemplat fl-artikolu 3 tal-Kap. 263 li l-imputat jinsab akkuzat bih jissusisti meta l-persuna bis-semplici proposta ta' tali ftehim u *"tagħti, jew tiftiehem li tagħti jew toffri jew tipproponi lil xi persuna oħra, direttament jew indirettament, li dik il-persuna l-oħra għandha tagħti jew tiftiehem li tagħti jew toffri xi rigal jew kumpens lil xi player jew lil xi uffiċjal jew organizzatur biex tħajru jagħmel jew bi tpattija talli jagħmel jew jonqos milli jagħmel."* Immaterjalment mill-accettazjoni jew jekk il-ftehim giex imwettaq jew le.

Ghalhekk kull ma jrid jigi pruvat hu li l-imputat avvicina lil Seyble Zammit u/jew players bil-proposta sabiex dawn ibieghu l-loghba in kwistjoni. Ma hemmx ghalfejn jigi pruvat illi l-*players* accettaw din il-proposta jew li thallsu jew li rcivew xi rigal jew inkella r-rizultat tal-loghba kien jirrifletti l-proposta illi saret mill-imputat.

Fuq dawn il-provi d-difiza qeghda tghid illi jezisti kunflitt serju peress li l-verzjonijiet mghotija mill-imputat u minn Seyble Zammit huma djamatrikalment opposti u l-Qorti ma tistax fuq dan il-kunflitt tasal ghall-konkluzzjoni illi l- provi waslu ghal reat minghajr dubju dettat mir-raguni.

Illi ai termini tal-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali, il-kredibbilita' tax-xhud ghandha tithalla *"fid-diskrezzjoni ta' min ghandu jiggudika l-fatti, billi jittiehed qies tal-imgieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda tieghu ghandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi ohra tax-xhieda tieghu u jekk ix-xhieda hix imsahha minn xhieda ohra, u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz."*

Il-Qorti zammet quddiem ghajnejha l-artikolu 637 meta analizzat x-xhieda ta' Seyble Zammit u dik tal-imputat u kkonfrontat dak li xehdu ma' provi ohra nkluz il-provi marbuta mal-mezzi tal-komunikazzjoni esebiti f'dawn l-atti.

Dan il-każ huwa mibni fuq ix-xhieda prinċipali ta' Seyble Zammit li ngħatat darbtejn quddiem din il-Qorti. Wieħed irid japrezza l-ħsieb tal-leġislatur fil-Kap 263 tal-Liġijiet ta' Malta li jmur lura għas-sena 1976. Il-leġislatur kien introduċa l-istrument ta' '*whistleblower*' permezz ta' l-Artikoli 7 u 9(2), liema provedimenti saru purament bil-għan li jgħinu biex wieħed jikkumbatti l-korruzzjoni fl-i*sports*. Zammit għamel ħsara f'dan ir-reat fejn prova jikkorrompi xejn anqas minn disgħa (9) *players* tat-tim nazzjonali. Il-Qorti tinnota li Zammit serva wkoll b'responsabilita' bħala '*whistleblower*'.

L-imputat kellu c-cans jikkopera mal-pulizija u jibbenefika minn dak provdut f'dan l-Att izda minflok telaq minn Malta dakinnhar li thabbar li Seyble Zammit kien se jitressaq il-Qorti ma kkoperax lanqas mal-Pulizija fl-istqarrija li rrilaxxa meta ġie lura. Id-dettalji li ta fix-xhieda tiegħu quddiem il-Qorti fl-01 ta' Novembru 2016, b'mod partikolari d-dettalji tan-numru tal-*mobile* 99448780 ta' l-allegat persuna ażjatika li kienet Malta sabiex tiffinanzja dan ir-reat kien mezz biex tkun zvijjata din il-Qorti. Jekk wieħed jagħmel referenza għad-DVD li jinstab *a fol 414* tal-proċess jinnota li fil-maggior parti tal-kuntatti li kien hemm minn u lejn n-numru tal-*mobile* 99448780 saru minn u lejn in-numru tal-*mobile* ta' Ronnie Mackay u cioe 77766622.

Seyble Zammit kien ir-*runner*, u bilfors li l-*players* kollha isemmu lil Seyble bħala l-persuna li avviċinhom. Ronnie Mackay kien il-persuna li sab il-*financier*. Fix-xhieda ħareg li l-imputat kien il-persuna li ħa ħsieb iġib il-persuna ażjatika hawn Malta biex dan, jew għal min kien qiegħed jidher, jilgħabu il-flus. Dan jitfa dawl fuq il-*link* ma' kriminalita' organizzata barra minn Malta.

Samir Arab huwa xhud importantissimu f'dan il-każ fejn ineħħi kull dubbju li jista jqum fil-kredibilta' tax-xhud prinċipali Seyble Zammit. Huwa jorbot il-provi fil-konfront tal-imputat, jgħid li kien hemm Ronnie Mackay li ġie mal-persuna ażjatika u l-offerta saret mit-tnejn Ronnie Mackay u Seyble Zammit.

**Ricediva**

L-imputat Ronnie Mackay qieghed ikun akkuzat ukoll li sar ricediv b'diversi sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi.

Skont gurisprudenza kostanti, il-prova tar-recidiva – sakemm ma jkunx hemm ammissjoni – hija;

> *"billi tigi esibita kopja ufficjali tas-sentenza relattiva u wara ssir il-prova tal-identita'. L-obbligu tal-prosekuzzjoni li tesibixxi dawk is-sentenzi jibqa' dejjem minkejja l- ezenzjoni moghtija mill-akkuzat li tipproduci prova tal- identita'. Jekk ma tigix esebita jew prodotta tali prova permezz tal-kopja ufficjali tas-sentenza li tissemma fl-akkuza, allura wiehed ma jistax jghid li saret l-ahjar prova dwar jekk verament precedentement l-akkuzat kienx ikkommetta xi reat iehor li tieghu gie misjub hati.*
>
> *Ghalkemm il-fedina penali tista' tittiehed in konsiderazzjoni mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali biex ikunu jistghu jikkalibraw il-piena, l-imputazzjoni tar-recidiva dejjem tinnecessita li ssir il-prova tal-kundanna jew kundanni precedenti."* [23]

Ma' din is-silta mis-sentenza li ghaliha saret riferenza l-Qorti qed izzid *"li l-prova tar-recidiva, barra mill-ammissjoni tal-imputat innifsu tista' ssir ukoll billi tkun prodotta kopja tas-sentenza li jkun hemm indikat fiha n-numru tal-identita'. Dan in-numru jkun jista' jitqabbel ma' dak li*

[23] **Pulizija versus Carmelo Fenech** – Qorti tal-Appell Kriminali 8 ta' Frar 2005 Volum' LXXXIX Part IV paġna 287 et.

*jkollu l-imputat jew l-akkuzat. Ma jistax ikun hawn zewg persuni li jkollhom l-istess numru tal-identita'".*[24]

Il-prosekuzzjoni esebiet tliet sentenzi moghtija fil-10 ta' April 2015 mill-Qorti tal-Appell Kriminali **Il-Pulizija vs Ronnie Mackay et.** (Dok SS8 a fol. 50) fejn gie kkundannat tmintax (18)-il xahar prigunerija, mill-Qorti tal-Magistrati bhala Gudikatura Kriminali fl-20 ta' Frar 2015, **Il-Pulizija vs Ronnie Mackay** (Dok SS9 a fol. 64) fejn gie kkundannat multa ta' elfejn sitt mija tmienja u ghoxrin ewro (€2,628), u Qorti tal-Magistrati bhala Gudikatura Kriminali fil-11 ta' April 2011, **Il-Pulizija vs Ronnie Mackay** (Dok SS11 a fol. 71) fejn kien ikkundannat tlett (3) xhur prigunerija li b'applikazzjoni ta' l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta kienu sospizi ghal perjodu ta' sena.

## KONSIDERAZZJONIJIET DWAR PIENA

Illi in linea generali jibda biex jinghad li:

*Il-piena m'ghandhiex isservi bhala xi forma ta' vendikazzjoni tas-socjeta` fil-konfront tal-hati. Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati. Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja*

[24] Appell Kriminali Il-**Pulizija Vs Joseph Darmanin** deċiż mill-Imħallef Lawrence Quintano fid-9 ta' Lulju, 2012

*ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena.*[25]

Illi c-cirkostanzi ta' kull kaz huma partikolari ghal dak il-kaz u normalment ivarjaw radikalment mic-cirkostanzi ta' kull kaz iehor. Huwa impossibbli ghal-legislatur li jipprevedi dawn ic-cirkostanzi kollha u, a priori, jistabilixxi (ghal kull reat) piena specifika ghal kull sensiela ta' cirkostanzi differenti li fihom jista' jitwettaq dak l-istess reat.

Illi huwa propju ghalhekk illi ghal kull reat il-Ligi ma tistipulax piena fissa imma tistipula minimu u massimu; jispetta lill-Qorti biex fid-diskrezzjoni taghha, u entro dawk il-parametri, teroga dik il-piena permezz ta' liema, skont ic-cirkostanzi ta' kull kaz, tipprova ssib dak il-bilanc gust bejn d-diversi skopijiet li ghandhom jintlahqu.

Illi dwar il-varji modi kif il-Qorti tista' tittratta ma' persuna misjuba hatja ta' xi reat u x'evalwazzjoni ghandha ssir biex jigi stabbilit liema minn dawn il-modi jservi l-aktar lill-gustizzja, kellha l-opportunita' tippronunzja ruhha l-Qorti tal-Appell Kriminali. Fis-sentenza moghtija fil-kawza Il-**Pulizija vs Maurice Agius**[26] dik il-Qorti qalet hekk:

*Huwa car...., li l-ewwel haga li Qorti trid tiddeciedi hi jekk il-kaz jimmeritax piena ta' prigunerija, b'mod li jigu eskluzi (jekk kienu talvolta applikabbli u mhux aprioristikament eskluzi mil-ligi stess) mizuri bhal ordinijiet maghmula taht l-Att dwar il-Probation jew*

[25] Ir-**Republika ta' Malta vs Rene sive Nazzareno Micallef**: Appell Kriminali deciz 28.11.2006.
[26] Deciza fit-13 ta' Novembru 2009.

*multa. Jekk jigi stabbilit, tenut kont tac-cirkostanzi kollha, li l-kaz kien jimmerita prigunerija, il-gudikant irid jghaddi ghat-tieni stadju, u cioe` biex jiddetermina t-tul ta' tali prigunerija. Hawn ukoll il-gudikant ma jridx joqghod ihares lejn is-subartikolu (1) tal-Artikolu 28A u jipprova jara kif ibaxxi l-piena biex igibha ma teccedix is-sentejn. Il-piena ta' prigunerija trid tkun dik il-piena li oggettivament taghmel ghall-kaz, indipendentement minn jekk tkunx tista' tigi sospiza o meno. Huwa biss jekk il-piena hekk oggettivament stabbilita ma tkunx ta' aktar minn sentejn prigunerija li l-gudikant jghaddi ghat-tielet stadju, u cioe` biex jikkonsidra jekk ghandux jissospendi o meno tali piena (ghal perijodu ta' mhux anqas minn sena u mhux izjed minn erba' snin). Huwa evidenti li l-ewwel haga li trid issir f'dana t-tielet stadju hi li wiehed jara jekk hemmx xi ostakolu statutorju ghal tali sospensjoni ....; jekk ma hemmx tali ostakoli, allura, u allura biss, tqum il-kwistjoni ta' jekk il-piena ta' prigunerija ghandhiex tigi sospiza u, jekk ikun jidhrilha li l-kaz ikun wiehed li fih sentenza ta' prigunerija ghandha tigi sospiza, x'ghandu jkun il-perjodu operattiv taghha (cioe` ghal kemm zmien tibqa' hekk sospiza fuq ras il-hati).*

**KONKLUZZJONI**

Il-Qorti taghmel referenza ghal dak li ntqal fid-decizjoni Il-**Pulizija vs Alex Azzopardi** deciza fil-15 ta' Dicembru 1993:[27]

*"li dan ir-reat li prova jwettaq jimmina direttament l-isport Malti u jzomm milli qatt javvanza ghal-livell accettabbli. L-Istat hass li kellu jillegisla apposta biex iwaqqaf jew irazzan dan l-abbuz b'pieni horox ghall-hati u l-Qorti mhix sejra tidderoga mir-responsabiltajiet taghha f'dan ir-rigward u turi s-serjeta' li biha thares lejn dan ir-reat li forsi hu aktar imferrex milli fil-fatt jidher. Ma hemmx dubju li ghal beneficcju tal-isport Malti u s-socjeta' Maltija dan l-abbuz irid jieqaf u l-Qorti hawn trid tibghat messagg lil min jazzarda jidhol f'dawn l-avventuri li hniena ma ghandhomx jistennew u darba hatja, ghandhom jippretendu s-severita' tal-ligi dejjem skond ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz taghhom."*

Fid-decizjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali li kkonfermat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati l-Imhallef Victor Caruana Colombo zied jghid:

*"L-istess jinghad ghal dak li jirrigwarda l-piena. Din il-Qorti tikkondividi dak li korrettement qalet l-ewwel Qorti dwar il-hsara li reati bhal dak ta' l-appellant jikkagunaw lill-isport. Din il-Qorti zzid tghid li apparti d-disonesta' u l-islealta' ta' awturi ta' reati simili ghall-club u ghas-supporters tieghu, tali reati facilment jistghu*

[27] Fl-Appell Nru. 4/94 kienet konfermata d-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati ppreseduta mill-Magistrat Michael Mallia.

*jkollhom konsegwenzi serji hafna anke tenut kont ta' l-eccitabilita' u impetwozita' ta' hafna mis-supporters.*[28]"

Finalment, li jkompli jagħmel dan ir-reat gravi hu li kien **għad-detriment ta' l-isem ta' Malta, tat-tim nazzjonali Malti u b'mod speċjali għad-detriment tal-*players* żagħżagħ u futuri tagħna.**

**Il-Qorti tirrakomanda li l-pieni marbuta ma' kazijiet ta' korruzzjoni fl-iSport ghandhom jizdiedu u jkunu tassew jirriflettu l-hsara li jwettqu f'dan il-qasam.**

**Wasal iz-zmien ukoll li min jinstab hati ta' atti ta' korruzzjoni fl-iSport ghandu jkun projbit milli jattendi f'venues sportivi, inkluz grounds u postijiet fejn ikun amministrat xi qasam tal-iSports. Fil-ligijiet taghna jezisti Regolament 9(2) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 10.33. Fejn ikun hemm kazijiet ta' vjolenza u atti ohra min jinstab hati jkun projbit milli jattendi f'xi ground. Dan il-poter ghandu jkun estiz ghal kazijiet marbuta mat-tixhim fl-iSports.**

**DECIDE:**

Ghal dawn il-mottivi il-Qorti wara li rat Artikoli 48A, 49, 50, 533 u 639(3) tal-Kap 9 u Subartikolu (1) u (2) tal-Artikolu 3 u 7 tal-Kap 263 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontrih u tikkundannah sentejn (2) prigunerija u multa ta' elfejn ewro (€2,000).

[28] 24 ta' April, 1995

Inoltre wara li rat Artikolu 533 tal-Kap 9 tordna lill-hati jhallas elf, erba' mija u sitta u ghoxrin ewro u erbgha u sebghin centezmu (€1,426.74) spejjez peritali fi zmien xahar millum.

**Il-Qorti tordna li kopja tax-xiehda li ta Ronnie Mackay fl-1 ta' Novembru 2016 tintbaghat lill-Kummissarju tal-Pulizija u lis-Segretarju Generali tal-Malta Football Association ghal kull passi li jidhrilhom li ghandhom jiehdu.**

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**